MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1069/2008

**Fl-atti tal-Konkors tal-Kredituri tas-socjeta Malta Music Festivals Ltd (C42077) u b'digriet tal- 21 ta' Ottubru 2009 Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-interessi ta' John Bernard Caulfield f'ismu proprju kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta` Malta Music Festivals Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Repro House Co. Ltd. (C6638) ghall-ftuh tal-konkors tal-kredituri tas-socjeta` Malta Music Festivals Ltd. (C42077) datat 23 ta' Ottubru 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi permezz tac-Cedola ta' Depozitu Numru 1426/2007 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. “A”) maghmula *"Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1640/2007 fl-ismijiet:* ***"Malta Fairs and Conventions Centre Ltd (C39678) vs Malta Music Festivals Ltd****. (C 42077)"* u fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1646/2007 fl-ismijiet ***“Repro House Co. Ltd. vs John Bernard Caulfield - British Passport No. 060075571 f'ismu proprju kif ukoll flimkien ma' Charles Henry Lovell British Passport No. 094362576 bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Malta Music Festival Ltd*.”** prezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, s-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. iddepozitat is-somma ta’ tliet elef u tnejn u sittin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm3,062.14) - li huma ekwivalenti ghal sebat elef mija u tnejn u tletin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€7,132.87) - li flimkien mas-sebgha u disghin liri Maltin (Lm79.00) [€184.02] spejjez ta' dik il-procedura jammontaw komplessivament ghas-somma ta' tlett elef mija u wiehed u erbghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm3,141.14) u li llum huma ekwivalenti ghal sebat elef tliet mija u sittax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€7,316.89).

Illi permezz tac-Cedola ta' Depozitu numru 1515/2007 pprezentata wkoll fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok “B”) maghmula *“Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 1702/2007 fl-ismijiet:* **Maltacom p.l.c (C22334) vs Malta Music Festivals Limited (C42077)** *u fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1640/2007 fl-ismijiet* **Malta Fairs and Conventions Centre Ltd (C39678) vs Malta Music Festivals Ltd.** *(C 42077)”* kif ukoll fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1646/2007 fl-ismijiet **"*Repro House Co. Ltd. vs John Bernard Caulfield - British Passport No. 060075571 f'ismu proprju kif ukoll flimkien ma’ Charles Henry Lovell British Passport No. 094362576 bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Malta Music Festival Ltd*."** is-socjeta` GO p.l.c. ga Maltacom p.l.c. iddepozitat is-somma ta' tnax-il elf u erbatax-il lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm12,014.41) li huma ekwivalenti ghal

sebgha u ghoxrin elf disa' mija sitta u tmenin ewro u hames centezmi (€27,986.05).

Illi ghalhekk permezz taz-zewg cedoli ta' depozitu fuq imsemmija komplessivament gie iddepozitat l-ammont ta' hamsa u tletin elf mija u tmintax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€35,118.92).

Illi permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Frar 2008 fil-kawza fl-ismijiet ***"Repro House Co. Ltd. vs 1) John Bernard Coalfield; u 2) Malta Music Festivals Ltd. (C42077) u b'digriet 8 tat-Frar, 2008 l-Avukat Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw is-socjeta` konvenuta Malta Music Festival Ltd."*** [Citazzjoni Numru 1211/2007/AL] is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditrici kemm tas-socjeta` Malta Music Festival Ltd. kif ukoll ta' John Bernard Caulfield u dan fl-ammont ta' tlieta u tletin elf mija u tlieta u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€33,163.78) *oltre* l-imghax legali mid-19 ta' Novembru 2007 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez tal-istess proceduri.

Illi *di piu`* s-socjeta rikorrenti hija anki kreditrici ipotekarja tal-imsemmija Malta Music Festivals Ltd. (C42077) - kif ukoll tal-istess John Bernard Caulfield - *stante* li rregistrat ipoteka gudizzjali generali fil-konfront taghhom, li ggib in-numru ta' iskrizzjoni 4018 tas-sena 2008 (vera kopja hawn annessa u mmarkata Dok. “C”).

Illi permezz ta' rikors ipprezentat wara l-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1640/2007 mahrug fl-ismijiet ***"Malta Fair and Conventions Centre Ltd. (C 39678) vs Malta Music Festival Ltd. (C 42077)"*** l-imsemmija socjeta` Malta Fair and Conventions Centre Ltd. talbet li din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha tizbanka l-flus iddepozitati permezz tac-cedoli fuq imsemmija.

Illi s-socjeta` rikorrenti opponiet ghal tali talba ghall-izbank tas-socjeta` Malta Fair and Conventions Centre Ltd. u dan ghar-ragunijiet indikati fir-risposta pprezentata mis-

socjeta` rikorrenti (li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. “D”).

Illi din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet taghha tat-23 ta' April, 2008 (Dok. “E”) cahdet it-talbiet tas-socjeta` Malta Fair and Conventions Centre Ltd. "ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposti".

Illi minn ricerka effettwata mis-socjeta` rikorrenti fir-Registru Pubbliku (Dok. “F”) jirrizulta li ma hemm ebda ipoteka li giet registrata fil-konfront tas-socjeta` Malta Music Festival Ltd. antecedentement ghal dik irregistrata mis-socjeta` rikorrenti.

Illi s-socjeta` rikorrenti tgawdi d-dritt ta' pregradwazzjoni illi tizbanka s-somma surreferita *stante* illi l-kreditu dovut lilha jinsab kawtelat permezz tal-precitata ipoteka generali gudizzjali fuq msemmija.

Ghaldaqsant, *in vista* tal- fuq premess is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri kontra s-socjeta` Malta Music Festivals Ltd. (C42077) *ai termini* tal-**artikolu 416 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12)** fuq l-imsemmija somma ta' hamsa u tletin elf u mija u tmintax-il ewro u tnejn u disghin centezmi (€35,118.92) depozitata taht l-awtorita` ta’ din l-Onorabbli Qorti permezz tac-cedoli ta’ depozitu numru 1426/2007 u 1515/2007 fuq imsemmija.

Rat li l-Qorti wara li rat l-artikolu 416 (1) tal-Kap. 12 ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jippubblika l-avvizi kontemplati fl-istess artikolu fil-Gazetta tal-Gvern u f’gazzetta lokali u ordnat li jsiru n-notifiki necessarji skont l-istess artikoli, b’dan li kull min ghandu interess sabiex igib il-quddiem il-jeddijiet tieghu, jaghmel dan fi zmien xahar mid-data tal-publikazzjoni, u r-rikors gie appuntat ghas-smigh ghal 4 ta’ Dicembru 2008 fil-11.00.a.m.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Repro House Co. Ltd datata 23 ta’ Ottubru 2008 a fol 18 tal-process fejn talbet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza tinnotifika lil John

Bernard Caulfield f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta` Malta Music Festivals Limited, permezz tal-procedura kontemplata fl-**EC Regulation 1348/2000**; u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fid-29 ta' Ottubru 2008 (fol 19).

Rat ir-rikors tas-socjeta` Repro House Co Ltd datat 28 ta' Awwissu 2009 a fol 83 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex tahtar kuraturi deputati sabiex jidhru u jiddefendu l-interessi ta' John Bernard Caulfield f'ismu proprju kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta` Malta Music Festivals Ltd fil-proceduri fuq premessi skont ma hemm provdut fl-imsemmi **artikolu 929 (a) u (d) tal-Kap. 12**; u l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi, kif jidher bid-digriet moghti fil-21 ta' Ottubru 2009 (fol. 82).

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati datata 15 ta' Frar 2010 a fol 101 tal-process fejn ecceppew:-

(1) Illi huma ma jafu xejn ghall-fatti li wasslu ghal dan ir-rikors izda jekk is-socjeta` rikorrenti tghaddilhom imqar hjiel kif jistghu jaqbdu ma' Bernard Caulfield huma jaghmlu hilithom biex jigbru t-taghrif mehtieg halli jaqdu dmirhom kif imiss.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2008 (fol.35) fejn dehru Dr. Carlo Vigna ghas-socjeta' rikorrenti u Dr. Keith Grech ghas-socjeta' Go plc, u gie nnutat li n-notifika ta' JB Caulfield *proprio et nomine* kienet ghadha ma saritx.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti datata 28 ta' Jannar 2009.

Rat il-pubblikazzjonijiet li saru fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-Gazzetta Lokali a fol. 39 u 41 tal-process.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti datata 29 ta' Jannar 2009 (fol. 44).

Rat ir-rikors tas-socjeta’ Go plc datat 2 ta’ Marzu 2009 fejn talbet li n-notifika ta’ John Bernard Caulfield issir skont ir-Regolament 1348/2000/EC u l-Qorti b’digriet datat 3 ta’ Marzu 2009 laqghet it-talba.

Rat in-noti tar-Registratur tal-Qorti datati 5 u 30 ta’ Gunju 2009 rispettivament bid-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta’ April 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Carlo Vigna u Dr. Keith Grech. Dr. Vigna ddikjara li m’ghandux iktar informazzjoni dwar fejn jista’ jigi komunikat Bernard Caulfield iktar minn dak li hemm fil-process. Id-difensuri qablu li l-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-30 ta’ Gunju 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi permezz ta’ din il-procedura s-socjeta` rikorrenti qieghda titlob il-ftuh tal-konkors ta’ kredituri tas-socjeta` Malta Music Festivals Limited ai termini tal-**artikolu 416 tal-Kap. 12 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta)** fuq is-somma ta’ hamsa u tletin elf u mija u tmintax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€35,118.92) depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti permezz tac-cedoli ta’ depozitu numru 1416/2007 u 1515/2007 ndikati fl-istess rikors.

Illi jirrizulta mill-atti li permezz ta’ zewg cedoli ta’ depozitu giet iddepozitata s-somma kumplessiva ta’ hamsa u tletin elf mija u tmintax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€35,118.92) – fil-fatt permezz tac-cedola ta’ depozitu bin-

numru 1426/2007 (Dok. “A” a fol 4 *et sequitur*) fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1640/2007 fl-ismijiet **“Malta Fairs and Conventions Centre Limited vs Malta Music Festivals Limited”** u fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1646/2007 fl-ismijiet **“Repro House Co. Limited vs John Bernard Caulfield pro et noe et”**, is-socjeta’ Bank of Valletta p.l.c iddepozitat s-somma ta’ sebat elef tliet mija u sittax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€7,316.89) ekwivalenti ghal tliet elef mija u wiehed u erbghin Lira Maltija u erbatax-il centezmu (LM3,141.14); u permezz tac-cedola ta’ depozitu bin-numru 1515/07 (Dok. “B” a fol 5 *et sequitur*) fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1702/2007 fl-ismijiet **“Maltacom p.l.c. vs Malta Music Festivals Limtied”** u fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1640/2007 fl-ismijiet **“Malta Fairs and Conventions Centre Limted vs Malta Music Festivals Limited”** kif ukoll fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet **“Repro House Co. Limited vs John Bernard Caulfield proprio et nomine et”**, is-socjeta` GO p.l.c gja Maltacom p.l.c. iddepozitat is-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf u disgha mija u sitta u tmenin ewro u hames centezmi (€27,986.05) ekwivalenti ghal tnax-il elf u erbatax-il Lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (LM12,014.41).

Illi jirrizulta illi s-socjeta` attrici giet kanonnizzata kreditrici tas-socjeta` Malta Music Festival Limited u ta’ John Bernard Caulfield permezz tas-sentenza mghotija minn din il-Qorti fl-ismijiet **“Repro House Co. Limited vs John Bernard Caulfied”** fis-27 ta’ Frar 2008 fis-somma ta’ tlieta u tletin elf u mija u tlieta u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€33,163.78). Jirrizulta wkoll li permezz tan-nota ta’ iskrizzjoni datata 13 ta’ Marzu 2008 bin-numru 4018 (Dok. “C” a fol 8) li s-socjeta` attrici rregistrat ipoteka gudizzjali generali fil-konfront ta’ Malta Music Festival Limited u ta’ John Bernard Caulfield f’din l-istess somma. Jirrizulta wkoll illi qabel din l-iskrizzjoni ma giet irregistrata l-ebda ipoteka ohra kontra s-socjeta` Malta Music Festival Limited (Dok. “F” a fol 13) sa mill-1 ta’ Jannar 2007 sad-data li fiha s-socjeta` rikorrenti rregistrat l-ipoteka imsemmija. Illi a bazi ta’ dan kollu, is-socjeta` attrici ssostni illi hija ghanda dritt ta’ pregradwazzjoni illi

tizbanka s-somma depozitata peress illi l-ammont dovut minnha huwa kkawtelat permezz tal-ipoteka generali msemmija.

Illi min-naha l-ohra jirrizulta illi s-socjeta` GO p.l.c. ukoll giet ikkanonizzata kreditrici tas-socjeta` Malta Music Festival Limited permezz tas-sentenza fl-ismijiet **“Maltacom p.l.c. vs Malta Music Festival Limited”** mghotija fil-11 ta’ April 2008 minn din il-Qorti diversament ippreseduta fejn is-socjeta` tal-ahhar giet ikkundannata tirrifondi lis-socjeta` GO p.l.c. is-somma ta’ erbgha u tletin elf disa’ mija u erbghin ewro u sittin centezmu (€34,940.60) ekwivalenti ghal hmistax-il elf Lira Maltin (LM15,000) (fol. 66 *et sequitur*). Jirrizulta wkoll illi s-socjeta` GO p.l.c. ukoll irregistrat ipoteka generali kontra s-socjeta` Malta Music Festival Limited fis-somma hawn imsemmija permezz tan-nota ta’ iskrizzjoni datata 5 ta’ Novembru 2008 bin-numru 17441 (fol 71).

Illi tenut kont tal-provi migjuba kemm mis-socjeta` rikorrenti kif ukoll mis-socjeta` GO p.l.c., il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 416 tal-Kap. 12** li a bazi tieghu qieghda tintalab tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri u jidher illi kienet is-socjeta` GO p.l.c. li uriet interess li ggib ‘il quddiem il-jeddijiet taghha ai termini tal-istess artikolu. Ghalhekk il-konkors f’dawn il-proceduri ghandu jsir bejn dawn iz-zewg kredituri, cioe` is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` GO p.l.c..

Illi jidher mill-provi mressqa, kif gie osservat iktar ‘il fuq, illi dawn iz-zewg kredituri gew ikkanonizzati bhala kredituri tas-socjeta` Malta Music Festival Limited filwaqt illi s-socjeta` rikorrenti giet ikkanonizzata kreditrici ta’ John Bernard Caulfield ukoll. Fil-fatt permezz taz-zewg sentenzi hawn fuq imsemmija tnisslu zewg ipoteki gudizzjali (**artikolu 2023 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta).** Jidher illi dawn iz-zewg kredituri hadu hsieb jirregistraw ipoteka generali kontra d-debituri taghhom.

Illi huwa car fil-ligi illi ipoteka, kemm dik legali, dik gudizzjali u dik konvenzjonali m’ghandhiex effett jekk ma tigi imnizzla fir-Regsitru Pubbliku u ma tihux grad hlief

minn dak in-nhar tal-iskrizzjoni (**artikolu 2033 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).** Il-ligi tipprovdi wkoll illi l-krediti ipotekarji ghandhom jithallsu skont l-ordni ta' iskrizzjoni **(l-artikolu 2092 tal-Kap. 16).**

Illi mill-provi mressqa u senjatement min-noti ta' iskrizzjoni illi gew ezebiti mill-partijiet jidher car illi hija s-socjeta` rikorrenti Repro House Co. Limited illi ghandha d-dritt ta' pregradwazzjoni fuq is-socjeta` GO p.l.c. u dan gjaladarba l-ipoteka gudizzjali giet irregistrata f'data anterjuri ghal dik irregistrata mis-socjeta` GO p.l.c..

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi s-somma ta' hamsa u tletin elf u mija u tmintax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€35,118.92) ghandha tigi zbankata in kwantu ghas-somma ta' tlieta u tletin elf mija u tlieta u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€33,163.78) favur is-socjeta` rikorrenti, u in kwantu ghar-rimanenti somma ta' elf disa' mija u hamsa u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€1,955.14), din ghandha tigi zbankata favur is-socjeta` GO p.l.c.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad ir-risposta tal-kuraturi deputati fil-kwalita' taghhom premessa biss inkwantu l-istess hija nkonsistenti ma` dak hawn deciz, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti fil-kuntest ta' dak hawn deciz** b'dan li tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri fuq l-ammonti ndikati fir-rikors promotur u konsegwentement ghal dawn il-proceduri :-

(1) Tiddikjara illi s-socjeta` rikorrenti tgawdi dritt ta' pregradwazzjoni fuq is-socjeta` GO p.l.c. bhala kreditrici tas-socjeta` Malta Music Festival Limited; u ghalhekk

(2) Tordna illi s-somma kumplessiva ta' hamsa u tletin elf mija u tmintax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€35,118.92) konsistenti fis-somma ta' sebat elef tliet mija u sittax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€7,316.89) ekwivalenti ghal tliet elef mija u wiehed u erbghin Lira

Maltija u erbatax-il centezmu (LM3,141.14) ddepozitati permezz tac-cedola ta' depozitu bin-numru 1426/2007 (Dok. "A" a fol 4 *et sequitur*) fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1640/2007 fl-ismijiet **"Malta Fairs and Conventions Centre Limited vs Malta Music Festivals Limited"** u fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1646/2007 fl-ismijiet **"Repro House Co. Limted vs John Bernard Caulfield pro et noe et"** u permezz tac-cedola ta' depozitu bin-numru 1515/07 (Dok. "B" a fol 5 *et sequitur*) fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1702/2007 fl-ismijiet **"Maltacom p.l.c. vs Malta Music Festivals Limtied"** u fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1640/2007 fl-ismijiet **"Malta Fairs and Conventions Centre Limted vs Malta Music Festivals Limited"** kif ukoll fl-atti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet **"Repro House Co. Limited vs John Bernard Caulfield pro et noe et"**, ghandha tigi zbankata in kwantu ghas-somma ta' tlieta u tletin elf mija u tlieta u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€33,163.78) favur is-socjeta` rikorrenti Repro House Co. Ltd. u in kwantu ghar-rimanenti somma ta' elf disa' mija u hamsa u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€1,955.14) favur is-socjeta` GO p.l.c..

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, nkluzi l-ispejjez indikati mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili ghall-pubblikazzjonijiet indikati permezz tan-noti datati 28 u 29 ta' Jannar 2009 (fol. 36 u 44) rispettivament ghandhom jinqasmu ugwalment bejn is-socjeta' rikorrenti Repro House Co. Ltd. u s-socjeta' GO plc.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------